Ref. Tagħna *SPI*/SCI/08/2025

# ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/08/2025

---

| | |
|---|---|
| Lis- | Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| Lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Reġjonali |
| Mingħand: | Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* |
| Suġġett: | Espressjoni ta' Interess – TagħnaTfal Skema Ulied il-Kunsilliera<br>Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta' Kura tat-Tfal (*Childminding*) waqt Laqgħat Statutorji tal-Kunsill |
| Data: | 10 ta' Marzu 2025 |

---

## 1. Għan

L-għan ta' dan il-finanzjament huwa li jipprovdi servizzi ta' *childminding* għat-tfal tal-membri tal-kunsill waqt il-laqgħat statutorji, kif ukoll joffri ambjent aktar inklussiv, aċċessibbli, u flessibbli**.** Dan jgħin biex il-governanza lokali tkun aktar innovattiva, sostenibbli u inklussiva**,** billi jiġu msaħħa l-opportunitajiet għal dawk li jixtiequ jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-komunitajiet tagħhom b'anqas piż fuq il-ħtiġijiet personali u tal-familja tagħhom.

## 2. Eliġibilità

2.1 Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali ta' Malta u Għawdex kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (l-applikant).

2.2 Kull min japplika ser ikun eliġibbli għar-rimbors ta' spejjeż marbuta ma' dan is-servizz.

2.3 Ikunu iffinanzjati spejjeż relatati mas-servizz ta' *childminding* li jiġi offrut lill-membri tal-Kunsill waqt il-laqgħat statutorji, li jinkludu spejjeż hekk kif elenkati hawn taħt:

- Servizz ta' *Childminders* kwalifikati[1]
- Akkwist ta' materjal edukattiv jew materjali oħrajn relatati

## 3. Kundizzjonijiet

3.1 Il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-finanzjament huwa ta' sena li jibda' mid-data tal-ftehim li l-Kunsill/Assoċjazzjoni jagħmel maċ-*Childcarer* dwar dan is-servizz;

3.2 L-applikanti għandhom jaċċertaw ruħhom li s-servizz ta' *childminding* jiġi organizzat b'mod sigur u strutturat;

3.3 L-applikant għandu jara li qed tittieħed kull prekawzjoni u azzjoni neċessarja għat-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà.

3.4 L-applikanti għandhom iżommu mal-inizjattiva kif proposta fl-applikazzjoni u li tkun ġiet approvata mill-Bord ta' Evalwazzjoni u javżaw lid-dipartiment jekk ikunu ser jagħmlu xi bidliet.

3.5 Is-servizz ikun miftuħ għal membri tal-Kunsill u uffiċjali tal-Kunsill/Assoċjazzjoni li jattendu l-laqgħat indikati.

3.6 Jista' wkoll isir ftehim ma' Ċentri għall-Kura tat-Tfal fil-viċinanzi fejn ikun jista' jiġi pprovdut is-servizz.

3.7 L-applikanti eliġibbli għal din l-għotja ta' fondi, ser jingħataw 80% tal-ammont mitlub bil-quddiem skont il-pjan dettaljat u l-kumplament mal-għeluq is-sena skont dokumentazzjoni ippreżentata.

## 4. Kundizzjonijiet tas-Sottomisjonijiet

4.1 L-applikanti huma mitluba li jissottomettu l-proposta tagħhom permezz tal-formola f'Appendiċi I li tiġbor dettalji dwar:

- Deskrizzjoni dettaljata ta' x'qed jiġi mitlub
- Kemm ser jibbenifikaw membri
- Stima dettaljata tal-ispejjeż mitluba

4.2 Bħala miżura ta' simplifikazzjoni, l-applikazzjonijiet jistgħu jintlaqgħu bil-firma tas-sindku u s-segretarju eżekuttiv madankollu, qabel ikun iffinalizzat il-ftehim ikun jeħtieġ l-approvazzjoni tal-kunsill. F'każ li ma jkunx hemm approvazzjoni tal-kunsill, l-applikazzjoni tkun irtirata.

[1] Livell 4 ECEC

## 5. Proċedura ta' l-Applikazzjoni

5.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq il-formola mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I).

5.2 L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt.

5.3 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa nhar **il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025;**

5.4 L-applikanti jkunu infurmati bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni permezz ta' imejl uffiċjali;

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Appendiċi I: Applikazzjoni

Kopji: Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali.l-Arti u l-Gvern Lokali
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni